**ST JEANNE ANTIDE FOUNDATION**
51 Tarxien Road, Tarxien TXN 1090
email: macen.sjaf@gmail.com
Tel. 21808981; 21809011; 27672367
www.antidemalta.com
*Registration number*: VO/0005

# NEĦTIEĠU VOLUNTIERI

Il-volontarjat huwa grazzja li tgħinna niċkienu u nitqarrbu lejn il-qdusija. Uħud mill-effetti fuqna ta' ħidma volontarja huma:

- Li nsiru persuni aktar hienja
- Niksbu wens minnu anke fi żmien ta' kriżi
- Nagħmlu ħbieb dejjiema
- Niksbu tifsira fil-ħajja li ma niksbuhiex minn oġġetti u flus
- Inħossuna aktar b'saħħitna u nħarsu lejn il-ħajja b'attitudni aktar pożittiva
- Tgħinna noħorġu minna nfusna u nħarsu lejn il-bżonnijiet ta' ħaddieħor
- Tgħinna naqsmu minn dak li għandna ma' ħaddieħor
- Tgħinna nitgħallmu dwarna nfusna u l-qawwiet u d-dgħufijiet tagħna
- Ikollna l-opportunità li nirriflettu dwar il-ħajja
- Tkattrilna u ssaħħilna l-valuri
- Tgħinna nħobbu lill-għajrna
- Tgħinna ngħixu l-fidi tagħna b'mod ħaj.

B'mod aktar wiesa', il-volontarjat joħloq soċjetà li jimpurtaha mill-membri tagħha li qed jiffaċċjaw sfidi kbar fil-ħajja. Jgħin biex tinħoloq soċjetà b'saħħitha, anqas materjalista, anqas egoista, aktar altruista. L-għaqdiet volontarji jipprovdu taħriġ għall-voluntieri; għaldaqstant, il-volontarjat hu mezz kif wieħed jibqa' jitgħallem tul il-ħajja. Ħafna riċerki jaqblu li l-volontarjat iħalli effetti pożittivi għall-aħħar fuq is-saħħa u s-saħħa mentali tal-bniedem u ssaħħaħ l-funzjoni tal-moħħ b'mod li tipproteġieh.

**Aqleb il-paġna għal lista ta' opportunitajiet għal volontarjat magħna**

**TIP TA’  VOLONTARJAT LI NEĦTIEĠU (anke fis-sajf)**

- **Mexxejja ta’ Live-Ins għal-żgħażagħ żvantaġġjati u esklużi**
- **Learning Support (one-to-one): appoġġ għal tfal biex jagħmlu l-homework**
- **Mentoring għal żgħażagħ b’mard mentali u mild cognitive impairments (inkluż ħruġ għax ħadd ma jaċċettahom)**
- **Maniġġjar tal-Facebook tal-Fondazzjoni**
- **Akkumpanjar ta’ nies fid-diffikultà għand dipartimenti tal-gvern, sptar, eċċ.**
- **Trasport (familja biex iżżur membru f’residenza; ġarr ta’ għamara)**
- **Xogħol manwali għand familji foqra**
- **Traduzzjoni mill-Malti għall-Ingliż u viċi versa**
- **Riċerka**
- **Kompilation ta’ direttorju ta’ servizzi**
- **Attivitajiet ta’ Fundraising (neħtieġu fondi biex inkomplu noffru appoġġ professjonali bla ħlas lil familji vulnerabbli li jiffaċċjaw numru ta’ diffikultajiet)**